

CORRIGENDUM

Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/36/KE tas-16 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, rigward prodotti kożmetiċi, għall-iskop tal-adattar tal-Anness III tagħhom mal-progress tekniku

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 98, 17 ta' April 2009)

Fpaġna 37, l-l-Anness, il-punt 3 għandu jaqra kif ġej:

“3. Fil-Parti 2 tan-numri ta' referenza tal-Anness III 7, 9, 14, 18, 24, 28, 47 u 58 jitħassru.”.

Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' l-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 254, 30 ta' Settembru 1994, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Volum 2)

Fpaġna 237, Artikolu 8, paragrafu 1, it-tielet inciz:

minflok: “Dan l-obbligu għandu jkompli japplika, kull fejn ikunu l-persuni li hemm referenza fl-ewwel u t-tieni subparagrafi huma, saħansitra wara li jiskadi l-iskond tal-kariga tagħhom.”;

aqra: “Dan l-obbligu għandu jkompli japplika, ikunu fejn ikunu l-persuni li hemm referenza għalihom fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, anke wara li jiskadi l-mandat tagħhom.”.
